# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 27**

**Rikors numru 798/21/1 TA**

**Patricia Curmi, Graziella Pullicino u Stephanie Mose' Pullicino**

**v.**

**Avukat tal-Istat**

**u**

**Edmea Baldacchino**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn **Patricia Curmi et** fis-17 ta' October, 2023 sabiex tinbidel sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2023. F'din is-sentenza appellata ġie deċiż li l-appellanti ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà taħt **l-ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minħabba t-tħaddim tal-Artikolu tal-Kap.69 tal-Liġijiet ta' Malta**. Bħala rimedji l-Ewwel Qorti ordnat: (i) kumpens u danni ta' €55,000.

**Daħla**

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk mill-Ewwel Qorti:

> *«1.'Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond 37, Triq Sant' Antnin, Tas-Sliema li huwa mikri lil intimata Edmea Baldacchino versu l-kera ta' €209.00 fis-sena.*
>
> *2. Illi l-fond kien originarjament proprjetà indiviza tal-mejjet missierhom Anthony Pullicino li miet fit-12 ta' Frar 2003. Illi l-wirt tieghu ddevolva b'testment unica charta tat-22 ta' Jannar 1990 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin fejn huwa nnomina bhala eredi tieghu lit-tliet uliedu r-rikorrenti odjerni, kif soggett ghall-uzufrutt ta' martu Eileen Pullicino.*
>
> *3. Illi Eileen Pullicino mietet fil-25 ta' Marzu 2006.*
>
> *4. Illi b'dikjarazzjoni causa mortis tal-25 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino, hawn anness u mmarkat bhala "Dokument A", l-atturi ddikjaraw l-eredita tal-mejjet missierhom Anthony Pullicino lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u hallsu t-taxxa appozita fuq il-proprjetà in kwistjoni.*
>
> *5. Illi b'kuntratt ta' divizjoni tat-12 ta' Mejju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, hawn anness u mmarkat bhala "Dokument B" il-fond in kwistjoni fost affarjiet ohra mess lir-rikorrenti.*
>
> *6. Illi l-imsemmi fond ilu mikri lil antekawza tal-intimata Edmea Baldacchino bil-kera miżera, wara li kien gie hekk lokat mill-antekawza tar-rikorrenti, u llum bil-kera ta' €209.00 fis-sena pagabbli kull sitt xhur ai termini tal-Att X tal-2009 kif jirrizulta mid-"Dokument C" hawn anness.*

*7. Illi l-fond in kwistjoni mhux fond dekontrollat kif jirrizulta mid-"Dokument C" hawn anness.*

*8. Illi kif fuq inghad, l-kera li l-intimata Baldacchino qed jhallas a tenur tal-ligi jammonta ghal €209 fis-sena, meta l-valur lokatizju tal-fond fis-suq huwa ferm u ferm aktar minn dak stabbilit bid-disposizzjonijet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, liema disposizzjonijet gew mibdula bi ftit bl-Att X tal-2009.*

*9. Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti u l-antekawza minnhom ma setghu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-residenzi ta' fondi li ma kienux dekontrollati ossia li ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setghu qatt jizbqu l-valur lokatizju ta' dak li l-fond seta' jgib fl-4 ta' Awwissu 1914.*

*10. Illi ai termini tal-istess ligi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera ghandha tizdied biss kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi ghall-ahhar.*

*11. Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilin intimata Baldacchino bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilin stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

*12. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjetà, in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.*

*13. Illi r-rikorrenti m'ghandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax zzid il-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista jitlob li jircievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.»*

3. Peress li r-rikorrenti dehrilhom li dan kollu seħħ bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom imħarsin bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll bl-Art.1 tal-Ewwel Protokoll huwa fis-sens li minħabba l-Kap 69,

ir-rikorrenti fetħu din il-Kawża u talbu lill-Qorti jogħġobha:

> *«(I) **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimat Edmea Baldacchino (K.I. 544547M) ghall-fond 37, Triq Sant' Antnin, Tas-Sliema, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandhom jinghataw r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni.*
>
> *(II) **Tiddikjara u Tiddeciedi** illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidien u dawk tal-inkwilina peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjetà in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.*
>
> *(III) **Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.*
>
> *(IV) **Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*
>
> ***Bl-ispejjeż u l-imgħax legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni**." «*

4. L-Avukat tal-Istat ressaq t-tweġiba tiegħu, fejn fisser li t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda.

5. B'sentenza mogħtija fit-**12 ta' Ottubru, 2023,** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, wara li qieset il-fatturi u r-raġunijiet kollha ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-intimat Avukat tal-Istat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif

isegwi:

> *«**Tilqa'** t-tielet eċċezzjoni tal-Inkwilina Intimata u s-sebgħa eċċezzjoni tal-Intimat Avukat tal-Istat billi, a tenur tal-proviso tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tiddeklina milli tqis it-talbiet għal vjolazzjonijiet li setgħu seħħew wara l-1 ta' Ġunju 2021.*
>
> ***Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-Intimat Avukat tal-Istat safejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza.*
>
> ***Tiċħad** il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-inkwilina Intimata safejn dawn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza.*
>
> ***Tilqa'** limitatament l-ewwel talba billi tiddikjara u tiddeċiedi li l-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, illedew id-drittijiet fundamentali tar-Rikorrenti kif sanċit fl-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta)***.**
>
> ***Tilqa'** limitatament t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienu viġenti qabel l-introduzzjoni tal-emendi bl-Att XXIV tal-2021, sal-1 ta' Ġunju 2021.*
>
> ***Tilqa'** t-tielet talba u raba' talba billi tillikwida l-istess kumpens fl-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens kif likwidati lir-rikorrenti, bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*
>
> ***Bl-ispejjeż kollha, inklużi tal-inkwilina Intimata, jitħallsu mill-Intimat Avukat tal-Istat.** :»*

6. L-appellanti, b'rikors imressaq fis-**17 ta' Ottubru, 2023,** saħqu li: (i) li d-danni pekunjarji u non pekunjarji mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ġew ikkalkulati b'mod ħażin.

7. Ir-rikorrent Avukat tal-Istat wieġeb għal dan l-appell fis-**26 ta' Ottubru, 2023,** u qal li jaqbel mas-sentenza tal-Ewwel Qorti u li hija ġusta

u timmerita konferma.

8. Inżamm smigħ fil-ħdax **(11) ta' Marzu 2024** u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

9. Din il-Qorti tosserva li ma sar l-ebda appell minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti sabet ksur tad-dritt fundamentali tal-atturi mħarsa taħt Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-parti tas-sentenza appellata għalhekk illum hija finali.

***Konsiderazzjonijiet:***

10. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-appell jolqot il-*quantum* ta' kumpens pekunjajru u non-pekunjarju mogħti mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma tagħhom l-appellanti jisħqu li għandu jkun hemm żieda fil-kumpens mogħti lilhom u jfissru l-aggravju waħdieni tagħhom hekk:

> *«Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta ddecidiet fuq il-likwidazzjoni tal-istess danni stante illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ma segwitx id-dettami tal-gurispruudenza deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.»*

11. L-Ewwel Qorti enfasizzat li l-kumpens għandu japplika biss sal-1 ta' Ġunju 2021 u mid-data li miet missierhom fl-2003. Osservat li l-awturi tagħhom ma wrewx oppożizzjoni jew għamlu azzjonijiet legali biex jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Għaldaqstant, is-suċċessuri ma jistgħux

jikkapitalizzaw minn din il-passività tal-awturi jekk dawn ma għamlu xejn biex jirrevedu d-drittijiet tagħhom jew kontra l-kirja.

12. Filwaqt li l-Qorti rreferit għall-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenza *Cauchi v. Malta*, mhuwiex ċar li l-kalkolu tal-kumpens kien ibbażat direttament fuq din il-ġurisprudenza. Għalkemm ġiet ikkunsidrata bħala punt ta' referenza, ma hemm l-ebda indikazzjoni ċara fis-sentenza li l-kumpens ġie stabbilit strettament skont il-kriterji stipulati f'dan il-każ. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda referenza diretta għall-valutazzjoni li saret mill-perit, u lanqas ma jidher li l-Qorti kkunsidrat din il-valutazzjoni fil-kalkolu tal-kumpens.

13. L-appellant isostni li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta ddeċidiet fuq il-likwidazzjoni tad-danni, billi ma segwietx id-dettami tal-ġurisprudenza deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Il-Qorti taqbel mal-appellanti billi llum hu paċifiku li salv għal xi eċċezzjonijiet dettati mill-fattispeċie ta' każ il-kumpens pekunjarju għandu jinħadem fuq dak deċiż f'**Cauchi v. Malta**.

14. Il-Qorti Ewropea, fil-każ ta' **Cauchi v. Malta**, tal-25 ta' Marzu 2021, ipprovdiet illi l-kumpens dovut f'każijiet fejn il-liġi impunjata jkollha skop leġittimu fl-interess ġenerali, m'għandux jirrifletti il-valur lokatizju sħiħ li kien ikun perċepibbli fuq is-suq liberu.

15. Hekk ukoll, dan ġie mfisser f'din is-silta meħuda mis-sentenza ta' din il-qorti tat-12 ta' Lulju 2023 _Agostina sive Ina Cini et v. L-Avukat tal-Istat et_:

> *«F'appelli ta' din ix-xorta fejn il-kwistjoni prinċipali tkun il-kumpens likwidat mill-Ewwel Qorti, u li sfortunatament qegħdin jieħdu ħafna mill-ħin ta' din il-Qorti, il-Qorti ad nauseam ilha tagħmel il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju a bażi tal-linji gwida li ngħataw mill-QEDB fis-sentenza Cauchi v. Malta.*
>
> *Jekk wieħed kellu jibbaża l-kalkolu tal-kumpens pekunjarju fuq l-istimi tal-perit tekniku, l-ewwel irid jitnaqqas 30% minħabba l-interess ġenerali fil-protezzjoni li l-liġi tagħti lill-inkwilin.*
>
> *Mill-bilanċ jitnaqqas 20% oħra minħabba l-inċertezza dwar kemm il-fond kien ser ikun mikri għall-perjodu kollu.»*

16. Fil-każ ta' Cauchi, il-QEDB qalet li minn dan trid titnaqqas ukoll il-kera li tħallset/kienet pagabbli mill-inkwilini skont il-liġi.

17. Il-Qorti taqbel mal-appellanti li l-kumpens pekunjarju kellu jinħadem fuq il-linji ta' **Cauchi v. Malta**. Billi jidher li l-missier kien proprjetarju ta' terż mill-fond allura l-kumpens fuq is-sehem indiviż kellu jibda jiddekorri mill-1 ta' Mejju 1987 sad-data tal-mewt tiegħu 12 ta' Frar 2003. Il-proprjetà hi waħda parafernali tal-missier u għalhekk ir-rikorrenti bħala eredi għandhom il-jedd għal kumpens sa dik id-data. Bejn l-2003 u l-2006 is-sehem kien soġġett għall-użufrutt tal-omm u għalhekk kien jispetta lilha d-dritt għal kumpens. Hi mietet fis-26 ta' Marzu 2006 iżda r-rikorrenti ma ressqu ebda prova li huma l-werrieta tagħha u għalhekk ma hemmx il-

prova tal-wirt favur ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti għandhom jedd fuq it-terz mid-data tal-mewt tal-omm sad-data tad-diviżjoni tal-proprjetà fit-12 ta' Mejju 2006 fejn saru proprjetarji tas-sehem sħiħ, liema kumpens jibqa' dovut sal-31 ta' Mejju 2021.

18. Għalhekk il-kumpens jinħadem hekk, skont l-iskeda annessa:

a. Il-valur totali ta' kera perċepita kien fl-ammont ta' €4,000;

b. Skont il-valur lokatizju indikat mill-Perit Tekniku fil-komputazzjoni kif dettat permezz ta' Skeda A;

c. Il-kumpens pekunjarju qiegħed għalhekk jinħadem hekk:

€166,328.10 – 30% għall-interess ġenerali = €116,429

€116,429.67 – 20 % għall-possibbli perjodu mhux mikri = €93,143.74

€93,143.74 - €4,000 kera perċepita kif fuq maħdum = **€89,143.74**

19. B'hekk il-kumpens pekunjarju dovut għandu jiġi aġġustat għal disgħa u tmenin elf, mija, tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu **€89,143.74**;

20. Dwar l-aggravju li ressqu r-rikorrenti li għandhom jingħataw l-ammont ta’ danni morali ta’ €17,000, din il-Qorti tiċċara illi l-Ewwel Qorti ordnat li jiġi illikwidat kumpens u danni ta’ €55,000 mingħajr ma għamlet distinzjoni bejn kumpens pekunjarju u non pekunjarju.

21. Dwar dan l-aggravju li ressqu r-rikorrenti appellanti, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ***Joseph Mary sive Joseph Duca et v. Reno Farrugia u Avukat tal-Istat*** deċiża fit-**3** ta’ **Frar, 2023** fejn qalet:

> *«li l-liġijiet li jikkontrollaw it-tiġdid tal-kiri ma kinux jgħaxxqu wisq lir-rikorrenti bħala sidien il-kera għaliex dawn il-liġijiet kellhom l-effett li jżommuhom milli jieħdu lura l-post għall-użu personali tagħhom u milli jitolbu l-kera li riedu. Telf ta’ qligħ jew ta’ flus però mhux bilfors iwasslu għal tbatija, tferfir jew taqtigħ il-qalb. Sensjazzjonijiet dawn, li ġeneralment jitqiesu bħala konsiderazzjonijiet fl-għoti tad-danni morali;*
>
> *Il-qorti tifhem li wieħed għandu jqis dawn is-sura ta’ danni meta jeżistu ċirkostanzi fejn it-tiġrib konvenzjonali jwassal għal niket kbir, uġiegħ jew tbatija, sew jekk fil-forma fiżika sew jekk mentali. Għallinqas minn kif taraha l-qorti mhux għaliex instab li kien hemm ksur konvenzjonali allura bilfors ġew imġarrba danni morali. Fl-opinjoni tal-qorti d-danni morali għandhom jingħataw biss jekk jintwera bil-provi li dawn tabilħaqq ġew imġarrba;*
>
> *Bħalma d-danneġġjat huwa mitlub jipprova d-danni pekunjarji, hekk ukoll huwa mitlub li jipprova d-danni morali, jekk huwa jkun qiegħed ifittixhom jew jippretendihom. Ir-regoli dwar il-provi tad-danni jgħoddu mhux biss għall-kawżi ċivili normali iżda jgħoddu wkoll għall-kawżi marbuta ma’ ksur ta’ jeddijiet fundamentali tal-bniedem;*
>
> *Fil-każ tal-lum, għalkemm il-qorti taċċetta li r-rikorrenti, seta’ kellhom stennija mxennqa li jdaħħlu aktar flus mill-kiri tad-dar, madankollu b’daqshekk dan ma jfissirx li huma kien ħaqqhom ukoll li jieħdu danni morali għaliex ma għamlux dak il-qligħ. It-telf ta’ qligħ huwa fattur li għandu jiġi meqjus fil-kuntest tad-danni pekunjarji iżda mhuwiex fattur li waħdu għandu jagħti lok għall-għoti ta’ danni morali. Inkella d-*

*danneġġjat ikun qiegħed jiġi kkumpensat għal darbtejn fuq l-istess ħaġa;*

*Mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kontroll fit-tiġdid tal-kera b'xi mod ġab xi tbatija fiżika jew mentali fuq ir-rikorrenti. Ħadd mir-rikorrenti ma tela' jixhed u qal li minħabba l-liġijiet dwar it-tiġdid tal-kera huma kellhom jidħlu f'xi sagrifiċċji finanzjarji jew f'xi tbatijiet żejda…*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza* ***Francis Attard v. Avukat tal-Istat*** *deċiża fit-30 ta' Novembru, 2022 qalet li f'sitwazzjonijiet bħal dawn ir-rikorrenti xorta waħda għandhom jingħataw kumpens morali għaliex kif ġie mfisser mill-Qorti Ewropea fis-sentenza* ***Sargsyan v. Azerbaijan*** *tat-12 ta' Diċembru, 2017, «…non-pecuniary awards serve to give recognition to the fact that moral damage occurred as a result of a breach of a fundamental human right and reflect in the broadest of terms the severity of the damage.»;*

22. Hekk ukoll, din il-Qorti tirrileva li l-Qorti Kostituzzjonali f'sentenza bl-ismijiet **B. Tagliaferro & Sons Limited v. L-Avukat tal-Istat et deċiża** fit-**12 ta' Lulju 2023** qalet:

*"Huwa żbaljat l-argument li fil-ġurisprudenza ġiet stabbilita xi regola fissa li l-kumpens non-pekunarju għandu jiġi kkalkolat fis-somma ta' €500 għal kull sena li tkun damet għaddejja l-leżjoni. Il-kumpens non-pekunarju jirrifletti t-tbatija morali li tkun ġiet sofferta mill-vittma minħabba l-leżjoni li tkun ġiet konstatata mill-Qorti, u għalhekk huwa neċessarjament kwistjoni suġġettiva li tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ."*

23. F'dan il-każ, meta wieħed jitfa' dan kollu fil-qoffa, partikolarment il-fatt li l-ksur konvenzjonali dam għaddej bejn l-2006 u l-2021 u l-fatt li l-atturi ma ressqu l-ebda prova dwar telf ekwiparabbli għal danni morali li setgħu ġarrbu u l-kawża nfetħet biss fl-2021, il-Qorti tħoss li kumpens ta' tlett elef €3,000 għandu jkun wieħed biżżejjed bħala danni morali;

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti sejra tillikwida l-ammont ta' danni likwidati f'danni morali ta' tlett elef ewro (€3,000).

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tirriforma s-sentenza appellata:

i. Tilqa' l-appell tar-rikorrenti fis-sens li tħassar is-sentenza appellata fejn illikwidat il-kumpens pekunjarju li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-attrici fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000.00) u minflok, tillikwida dak il-kumpens pekunjarju fis-somma ta' disgħa u tmenin elf, mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (**€89,143.74**); tillikwida kumpens għal danni morali ta' tliet elef ewro (**€3,000**)**;**

ii. Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-attriċi s-somma ta' tnejn u disgħin elf, mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€92,143,74), in kwantu għal disgħa u tmenin elf, mija u tlieta u erbgħin ewro u erbgħa u sebgħin ċenteżmu (€89,143.74) kumpens pekunjarju u tliet elef ewro (€3,000) kumpens non-pekunjarju*;*

iii. Spejjeż tal-appell għall-Avukat tal-Istat appellat għax intlaqa' l-appell.

| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |
|---|---|---|

Deputat Reġistratur
da

**<u>Skeda A</u>**

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din issentenza odjerna.

**Patricia Curmi et v. Avukat Ġenerali**
Rikors kostituzzjonali 798/21

| **Likwidazzjoni Danni Pekunjarji** | |
|---|---|
| **Sena** | **Renta** |
| 1987 (1/05/1987-31/12/1987) | €1,182.92 x 245/365 = €794.01 |
| 1988-1991 | €1,182.92 x 4 = €4,731.68 |
| 1992-1996 | €1,939.00 x 5 = €9,695.00 |
| 1997-2001 | €3,463.41 x 5 = €17,317.05 |
| 2002- 2003 (12/02/ 2003) | €4,634.14 + (€4,634.14 x 43/365 = €545.94) = €5,180.08 |
| 2006 (26/3/2006 - 12/05/2006) | €4,634.14 x 48/365 = €609.60 |
| 13/05/2006-12/31/2006 | €4,634.14 x 233/365 = €2,958.23 |
| 2007-2011 | €8,345.52 x 5 = €41,727.60 |
| 2012-2016 | €7,540.65 x 5 = €37,703.25 |
| 2017-2020 | €10,882.11 x 4 = €43,582.44 |
| 01/01/2021 - 31/05/2021 | €5,000 ÷ 12 × 5 = €2,083.33 |
| **Total** | **€166,328.10** |